# VISIO NOCTURNA

*Kien nofs il-lejl. Smajt leħen ta' qanpiena*
*Jingħi fil-beraħ ikħal tas-smewwiet,*
*U ilħna mbiegħda jgħannu s-Salm tal-ħniena;*
*Stħajjiltni nisma' kor tal-patrijiet!*

*Fis-sema ngabru l-kwiekeb geġwiġija,*
*U bdew mixjin, bil-mod il-mod, tnejn tnejn,*
*Kienet ġilwa bla tarf ta' dawl u dija*
*Li bħalha naħseb, qatt ma raw l-għajnejn.*

*U l-"Miserere" beda joqrob lejja.*
*Bdejt ngħid il-kliem tas-salm, donni miblugħ,*
*Ħassejt bħal fewġa kiesħa fuq ħaddejja.*
*Bla ma naf kif, għajnejja mtlew bid-dmugħ!*

*Fl-aħħar intbaħt! Kien funeral ta' kewkba,*
*Ġarrewha l-anġli żgħar, f'tebut tal-kewba!*

13-12-49.

P. Marianus Vella O.F.M.